

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7914 — KKR & Co/Webhelp SAS)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2016/C 53/04)

1. Fl-4 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża KKR & Co LP ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqset il-kontroll waħdani tal-impriża Webhelp SAS ("Webhelp", Franza), permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitatiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal KKR: kumpanija globali ta' investiment li toffri firxa wiesgħa ta' servizzi ta' ġestjoni ta' assi alternattivi lill-investituri tas-suq pubbliku u privat u tipprovdi soluzzjonijiet għas-swieq kapitali;
 - għal Webhelp: Fornitur tas-servizzi tal-IT attiv primarjament fil-forniment ta' servizzi ta' esternalizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bl-imejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7914 — KKR & Co/Webhelp SAS, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.